VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,085, 9 ta' Novembru, 2018
Taqsima B

A.L. 371 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2018 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2018 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2013 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - ippubblikati bħala Avviż Legali 310 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2018 'l quddiem.

L-Emenda għar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"il-Grad" tfisser il-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.; u

"il-Grad ta' Bachelor" tfisser il-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Medical Sciences – B.Sc. (Hons);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery – M.D u l-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Medical Sciences – B.Sc. (Hons) - skont il-każ;

L-Emenda għar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Eliġibbilità għall-Grad u għall-Grad ta' Bachelor

3. Biex ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad u tal-Grad ta' Bachelor, l-istudenti jridu jkunu:

(a) irreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors skont ir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università;

(b) issodisfaw ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors skont ir-regolament 4;

(ċ) temmew il-kors tal-istudji, ikkwalifikaw fl-eżamijiet u issodisfaw kull rekwiżit ieħor kif preskritt f'dawn ir-regolamenti; u

(d) issodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra kollha preskritti f'xi statuti u regolamenti rilevanti oħra tal-Università."

L-Emenda għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**It-Tul tal-Kors**

5. (1) Il-Kors għall-Grad għandu jinfirex fuq perijodu ta' ħames snin u huwa maqsum f'żewġ partijiet: il-Parti ta' Qabel il-Klinika, li tieħu sentejn, jiġifieri l-Ewwel u t-Tieni Sena, u l-Parti Klinika, li tieħu tlett snin, jiġifieri, it-Tielet, ir-Raba' u l-Hames sena.

(2) Il-Kors għall-Grad ta' Bachelor għandu jinfirex fuq perijodu ta' tliet snin u jinkludi l-ewwel sentejn tal-Grad (il-Parti ta' Qabel il-Klinika) u sena oħra (sena *intercalated*) li normalment tkun iddedikata prinċipalment għall-metodoloġija

VERŻJONI ELETTRONIKA

tar-riċerka medika.

(3) Il-Kors għall-Grad għal studenti li jiddeċiedu jwaqqfu l-Kors biex isegwu s-sena *intercalated* qabel ma jkomplu bil-Grad għandu jinfirex fuq sitt snin.

(4) Il-Bord jista' jħalli lill-istudenti jirrepetu sena darba biss f'kull waħda miż-żewġ partijiet tal-Kors għall-Grad u jissospendu l-istudji tagħhom għall-perijodu massimu ta' tnax-il xahar darba biss f'kull waħda miż-żewġ partijiet tal-Kors għall-Grad.

(5) L-istudenti li jagħżlu li jsegwu l-Grad ta' Bachelor jitħallew jirrepetu sena darba biss u jitħallew jissospendu l-istudji tagħhom għall-perijodu massimu ta' tnax-il xahar darba biss fil-programm ta' tliet snin.

(6) Il-Bord jista' jħalli lill-istudenti jagħmlu sena addizzjonali ta' studju darba biss matul il-Kors."

Iż-Żieda tar-regolament 8 mar-regolamenti prinċipali

6. Ir-regolament 8 li ġej għandu jiżdied wara r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali:

"8. (1) Fi tmiem it-Tieni Sena tal-Kors, l-istudenti li jtemmu b'suċċess it-taqsimiet studju kollha tal-ewwel sentejn tal-Kors (il-Parti ta' Qabel il-Klinika) ikunu eliġibbli biex japplikaw biex jidħlu fil-Kors li jwassal għall-Grad ta' Bachelor. Din l-għażla tapplika biss fl-aħħar tat-Tieni Sena, qabel ma student ikompli għat-Tielet Sena, u mhux fis-snin ta' wara.

(2) Is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, għandu jiddetermina l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Grad ta' Bachelor, skont id-disponibbiltà ta' riżorsi. In-numru ta' postijiet disponibbli għandu jkun mħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Meta l-għadd ta' applikanti li jistgħu jidħlu fil-Grad ta' Bachelor ikun limitat skont il-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jkunu magħżula skont l-ogħla livell globali milħuq fl-ewwel sentejn tal-Kors għall-Grad.

(4) Fil-każ ta' żewġ applikanti li jkollhom l-istess marki medji fl-ewwel sentejn tal-Kors għall-Grad, l-għażla tkun ibbażata fuq intervista.

(5) Wara l-għażla skont il-paragrafi (3) u (4) ta' dan ir-regolament, il-Bord tal-Istudji għall-Grad ta' Bachelor għandu jintervista lill-istudenti biex jassenja

VERŻJONI ELETTRONIKA

l-proġetti ta' riċerka.

(6) L-istudenti li jieqfu mill-Kors għall-Grad fl-aħħar tal-Parti ta' Qabel il-Klinika u jtemmu b'suċċess is-60 krettu ECTS assenjati għas-sena *intercalated*, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad ta' Bachelor. Dawn l-istudenti jistgħu mbagħad ikomplu għat-tielet sena tal-Kors għall-Grad jew itemmu l-istudji tagħhom.

(7) L-istudenti li ma jiksbux is-60 krettu ECTS assenjati għas-sena miżjuda ma jkunux eliġibbli għall-għoti tal-Grad ta' Bachelor iżda jistgħu jitħallew ikomplu għat-tielet sena tal-Kors għall-Grad. L-istudenti m'għandhomx jitħallew jirreferu kwalunkwe taqsimiet studju nieqsa mis-sena *intercalated* għat-tielet sena tal-Kors għall-Grad."

In-Numerazzjoni mill-ġdid tar-regolamenti 8 sa 16 mar-regolamenti prinċipali

7. Ir-regolamenti 8 sa 16 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mil-ġdid bħala r-regolamenti 9 sa 17.

L-Emenda għar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali

8. Il-paragrafu (10) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (9) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali:

"(10) L-istudenti li wara s-sessjoni supplimentari ta' sena ta' ripetizzjoni jeħlu f'taqsima studju waħda jew aktar ma jkunux jistgħu jkomplu l-Kors. Jekk ikunu eliġibbli, dawn l-istudenti jistgħu jitolbu li jingħataw għotja skont ir-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti."

9. Il-paragrafi ((10) u (11) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (11) u (12).

L-Emenda għar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali

10. Minflok ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Il-Klassifikazzjoni tal-Gradi**

13. (1) Il-klassifikazzjoni tal-Grad u tal-Grad ta' Bachelor għandhom ikunu determinati mill-Bord għall-Klassifikazzjoni tal-Grad magħmul kif ġej:

Id-Dekan bħala ċ-*Chairman*; u
Il-Kapijiet tad-Dipartimenti involuti fit-tagħlim tal-programm.

(2) Il-klassifikazzjoni tal-Grad u tal-Grad ta' Bachelor għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fl-eżamijiet tat-taqsimiet studju ta' matul is-sena

VERŻJONI ELETTRONIKA

finali tal-Kors.

(3) Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tal-Grad għandu jikkonsulta l-linji gwida li ġejjin meta jiddeċiedi fuq il-klassifikazzjoni finali tal-Grad:

Marka Medja Finali Mwieżna	**Klassifikazzjoni**
80 – 100%	Għadda b'Distinzzjoni
70 – 79%	Għadda b'Mertu
45 – 69%	Għadda

(4) Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tal-Grad għandu jikkonsulta l-linji gwida li ġejjin meta jiddeċiedi fuq il-klassifikazzjoni finali tal-Grad ta' Bachelor:

Marka Medja Finali Mwieżna	**Klassifikazzjoni**
80 – 100%	L-Ewwel Klassi bl-Unuri
70 – 79%	It-Tieni Klassi ta' Fuq bl-Unuri
55 – 69%	It-Tieni Klassi ta' Taħt bl-Unuri
45 – 54%	It-Tielet Klassi bl-Unuri."